# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-16 ta' Marzu, 2016.**

**Rikors Numru 1021/2015 SM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C – 3177)**

**vs.**

***Southplan (Real Estates) Limited***
**(C – 24460)**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors guramentat promotur datat id-29 t'Ottubru, 2015, li permezz tieghu il-Bank rikorrenti sintetikament espona s-segwenti tramite r-rapprezentant tieghu:

1.1. Illi s-socjeta` intimata kkostitwiet ruhha debitrici tal-Bank rikorrenti permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu *in*

*atti* tan-Nutar Dottor Mario Bugeja datat id-29 ta' Settembru, 2009, (ara foll 2);

1.2. Illi d-dokument indikat fil-paragrafu precedenti gie rez ezekuttiv permezz t'ittra ufficjali datata t-2 ta' Frar, 2012, *ai termini* tal-artiklu 256(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara foll 5), liema ittra ufficjali kienet notifikata lis-socjeta` intimata fit-8 ta' Frar, 2012, (ara foll 6);

1.3. Illi wara li saru diversi pagamenti, s-socjeta` intimata baqghet debitrici tas-socjeta` rikorrenti;

1.4. Illi ghaddew aktar minn tlett (3) snin mid-data tal-kuntratt fuq indikat;

1.5. Illi permezz tal-procedura odjerna l-Bank rikorrenti qieghed jitlob l-esekuzzjoni tal-istess titolu kontra s-socjeta` intimata ghall-bilanc rimanenti, u dan, *ai termini* tal-artiklu 258 tal-Kap 12 fuq indikat;

1.6. Illi ghaldaqstant adixxa din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghliex din il-qorti m'ghandiex:

1.6.1. Tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq indikat *stante* li ghaddew izjed minn tlett (3) snin mid-data tal-istess kuntratt fuq riferit u li id-dejn dovut ghadu ma giex saldat;

1.6.2. Bl-ispejjez;

2. Sodisfatta li s-socjeta` intimata giet debitament notifikata bil-pubblikazzjoni skont il-ligi;

3. Tirrileva li l-istess socjeta` baqghet fi stat ta' kontumacja;

4. Tirrileva li l-perjodu moghti lis-socjeta` biex jekk trid tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha *ai termini* tal-artiklu 170 (1) tal-istess Kap 12 ghadda inutilment (ara foll 45);

5. Rat id-dokumenti esebiti;

6. Sodisfatta li bil-gurament taghha mhux kontradett tar-rapprezentanti tal-Bank rikorrenti, it-talbiet tal-istess Bank gew debitament ippruvati;

**DECIDE:**

7.0. Illi in vista tal-premess tqis li l-Bank rikorrenti pprova t-talbiet tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

7.1. Tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq indikat *stante* li ghaddew izjed minn tlett (3) snin mid-data tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fuq riferit ghad-debitu li ghadu ma giex saldat, bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament;

7.2. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` intimata;

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**